TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 140/15/GB

**Carmelo u Eugenia Pace**

**vs**

**International Trading Co. Ltd.**

Illum 7 ta' Ottubru 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-6 ta' Lulju, 2015 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' hames mija u hamsin Ewro (€550.00), rapprezentanti l-prezz li hallsu ghal forn, li nxtara minghand is-socjeta' ntimata, liema forn kien difettuż.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Fit-30 ta' Settembru 2014, huma kienu ghamlu rapport mas-socjeta' ntimata li fil-forn li kien gie nstallat f'Lulju 2013, gie nnutat li kien hemm l-'enamel' tal-qiegh maqsum. Is-socjeta' ntimata qalet li kellha tibghat persuna teknika biex tispezzjona l-ilment.

Ghadda xi żmien u meta r-rikorrenti ma semghu xejn, ghamlu kuntatt huma u ġie ffissat appuntament ghat-23 ta' Ottubru 2014. Din il-persuna teknika qaltilhom li l-forn gie 'over heated' u li kellu jiġi spezzjonat mis-socjeta' ntimata stess sabiex din tkun tista' tiehu deċiżjoni. Ghaldaqstant, il-forn kellu jittiehed lura fil-workshop tas-socjeta' ntimata.

Ghadda xi żmien, fejn saru kuntatti telefoniċi mas-socjeta' ntimata, fejn hi allegat li l-forn ġarrab hsara ghaliex ir-rikorrenti użawh hazin, u cioe', billi poġġew id-'dish' f'kuntatt dirett

ma' qiegh il-forn. Dan, ir-rikorrenti qatt ma ghamlu, ghaliex dejjem użaw l-postijiet propizju fejn ghandu jitpoġġa d-'dish'.

Fis-27 ta' Novembru 2014, ittiehed il-forn fil-workshop tas-socjeta' ntimata fejn it-technician qalilhom li l-forn gie 'over heated' peress li kellu d-'dish' f'kuntatt dirett mal-qiegh, u ghaldaqstant fuq parir li qalu li kienu hadu huma, ma seta' jsir xejn. Il-forn rega' gie lura ghand ir-rikorrenti fis-16 ta' Dicembru u dan fuq insistenza tas-socjeta' ntimata, fuq parir li hadet li l-hsara ġiet ikkaġunata b'negligenza tar-rikorrenti.

Ir-rikorrenti fl-ebda stadju ma qalu lit-technician jew lis-socjeta' ntimata li huma użaw il-forn bid-'dish' fil-pozizzjoni li qed tallega s-socjeta' ntimata, u cioe', bid-'dish' b'kuntatt dirett mal-qiegh tal-forn.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrenti kienu xtraw forn tad-ditta 'AEG' fid-9 ta' Lulju 2012, u gie nstallat fit-2 ta' Awissu 2013.

Wara sena u xahrejn, f'Ottubru 2014, ir-rikorrenti kellhom appuntament ma' tekniku tas-socjeta' ntimata, ghaliex kienu lmentaw fuq grif li sabu fil-forn. Ir-rikorrenti kienu qalu lis-socjeta' ntimata li kienu jiehdu hsieb hafna il-forn, tant li kienu jpoġġu id-'dripping tray' fil-qiegh tal-forn, biex ma jaqax ikel.

It-tekniku tas-socjeta' ntimata kien informa lir-rikorrenti li l-hsara li kien hemm ġiet ikkawżata b' 'over heating', u fil-fatt ir-rikorrenti kienu kkonfermaw anki mat-tekniku li kienu jhallu d-'dish' fil-qiegh tal-forn. It-tekniku issuġġerixxa li l-forn jiddahhal il-workshop, fejn is-socjeta' ntimata ġiet ghall-konkluzjoni illi l-hsarat kienu gew ikkawżati minhabba ' over heating'.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom mil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebew kopja tar-ricevuta, li ġiet immarkata bhala Dok.CP1; kopja tal-korrispondenza bejn il-partijiet, li ġiet immarakata bhala Dok.CP2; sett ta' tliet (3) ritratti li juru kif ir-rikorrenti kienu jużaw l-ixkafef tal-forn, li gew immarkati bhala Dok.CP3; kif ukoll ritratt tal-hsara li ġarrab il-forn, li gie mmarkat bhala Dok.CP4.

Ir-rikorrenti ezebew id-'dishes' in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta, il-kundizzjoni ta' liema tidher li hija mpekkabbli.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata, fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet ritratt, li fl-opinjoni taghha juri li r-rikorrenti qieghdu d-'dish' dirett fil-qiegh tal-forn, li gie mmarkat bhala Dok.ITC1.

Xehed Joachim Francica, prodott mis-socjeta' ntimata, fejn fix-xhieda ġuramentata tieghu huwa stqarr illi huwa l-persuna teknika tas-socjeta' ntimata. Spjega li taht il-forn ghaddej 'element', u meta 'dish' jitqieghed fil-forn, l-'element' imiss mal-qiegh u mhux mad-'dish'.

It-Tribunal jinnota li mistoqsija jekk il-forn in kwistjoni jistax jitranġa, is-socjeta' ntimata wieġbet li dan ma jistax jitranġa u jkollu jinbidel. Is-socjeta' ntimata żiedet illi hija kienet tkellmet ma' nies tekniċi, fejn anke wriethom ritratti tal-forn in kwistjoni, fejn skond is-socjeta' ntimata, dawn it-teknici qablu maghha li d-dannu kien sar minhabba li l-forn ma ntużax kif suppost mir-rikorrenti. Madanakollu, it-Tribunal jinnota li fuq domanda tieghu stess, irriżulta li s-socjeta' ntimata m'ghandha l-ebda prova ta' l-istess.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota li nonostante l-fatt li s-socjeta' ntimata, fir-risposta bil-miktub taghha, ikkonkludiet billi qalet *"Provi jiġu diskussi waqt it-Tribunal"*, fil-fatt ma tressqu l-ebda provi da parti ta' l-istess socjeta' ntimata rigwardanti l-allegazzjonijiet taghha li l-hsarat fil-forn saru minhabba negliġenza u uzu hazin da parti tar-rikorrenti. Illi ghalhekk, u wara li t-Tribunal sema' x-xhieda ġuramentat u kredibbli tar-rikorrenti, flimkien mal-fatt li d-'dishes' in kwistjoni li gew ezebiti *animo ritirandi* mill-istess rikorrenti kienu fi kundizzjoni impekkabbli, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna li s-socjeta' ntimata tbiddel il-forn in kwistjoni bi forn ġdid ta' l-istess ditta u mudell, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**